KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
CAMPOS SÁNCHEZ-BORDONA
ppreżentati fit-3 ta' Mejju 2017[1].

Kawża C-701/15

Malpensa Logistica Europa S.p.A
vs
SEA -Società Esercizi Aeroportuali S.p.A,
bl-intervent ta':
Beta-Trans S.p.A

[talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mit-Tribunale Amministrativo Regionale per la Lombardia (qorti amministrattiva reġjonali tal-Lombardia (l-Italja)]

"Kuntratti pubbliċi — Trasport — Esplojtazzjoni ta' żona ġeografika sabiex titqiegħed għad-dispożizzjoni tat-trasportaturi bl-ajru fl-ajruporti jew f'terminali oħra tat-trasport — Direttivi 2004/17/KE u 96/67/KE — Leġiżlazzjoni nazzjonali li ma tipprevedix proċedura ta' sejħa għal offerti għall-allokazzjoni ta' spazji fl-ajruport"

1. Il-kwistjoni li hija s-suġġett ta' din it-talba għal deċiżjoni preliminari tqum fil-kuntest tar-relazzjonijiet bejn il-korp li jmexxi l-ajruport ta' Milano-Malpensa[2] u tnejn mill-kumpanniji li jipprovdu servizzi ta' groundhandling hemmhekk. Waħda minnhom (Malpensa Logistica Europa S.p.A.; iktar 'il quddiem, "Malpensa Logistica") tikkontesta d-deċiżjoni ta' SEA li tat b'mod dirett lill-kumpannija l-oħra (Beta-Trans S.p.A.; iktar 'il quddiem "Beta-Trans") l-użu temporanju ta' faċilità tal-ajruport partikolari, mingħajr ma saret sejħa għal offerta preċedenti.

2. It-Tribunale Amministrativo Regionale per la Lombardia (qorti amministrattiva reġjonali tal-Lombardia, l-Italja), li ġiet adita biex issolvi t-tilwima, qed taffaċċja regoli nazzjonali li jirregolaw l-għoti ta' kuntratti pubbliċi li, fil-fehma tagħha, tbiegħdu minn dawk li jirregolaw is-servizzi ta' groundhandling fl-ajruport. Peress li t-tnejn li huma, rispettivament, huma traspożizzjoni tad-Direttivi 2004/17/KE[3] u 96/67/KE[4], hija titlob lill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tipprovdi interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni sabiex tiddetermina jekk l-allokazzjoni tal-ispazju allokat lil Beta-Trans kellhiex tingħata wara proċedura ta' għażla suġġetta għar-regoli dwar il-kuntratti pubbliċi.

1 Lingwa oriġinali: l-Ispanjol.

2 Società Esercizi Aeroportuali S.p.A. (iktar 'il quddiem, "SEA")

3 Id-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-31 ta' Marzu 2004, li tikkoordina l-proċeduri ta' akkwisti [għoti ta' kuntratti] ta' entitajiet li joperaw fis-setturi tas-servizzi tal-ilma, l-enerġija, t-trasport u postali (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 6, Vol. 7, p. 19).

4 Id-Direttiva tal-Kunsill, tal-15 ta' Ottubru 1996, dwar l-aċċess għas-suq tal-groundhandling fl-ajruporti tal-Komunità (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 7, Vol. 2, p. 496).

I. Il-kuntest ġuridiku

A. *Id-dritt tal-Unjoni*

1. Id-Direttiva 2004/17

3. Skont l-Artikolu 1 (“Definizzjonijiet”):

“1. Għall-għanijiet ta’ din id-Direttiva, id-definizzjonijiet dikjarati f’dan l-Artikolu għandhom japplikaw.

2. a) ‘Kuntratti ta’ provvista, xogħlijiet u servizz’ huma kuntratti għal interess ta’ flus (pecuniary) konklużi bil-miktub bejn waħda jew aktar mill-entitajiet kontraenti riferiti fl-Artikolu 2(2), u provveditur ta’ servizz, kuntrattur jew supplent wieħed jew aktar;

[…]d) ‘Kuntratti ta’ [għal] servizz’ huma kuntratti oħra għajr kuntratti ta’ xogħol jew ta’ provvista li għandhom bħala l-għan tagħhom il-provvediment ta’ servizzi riferiti fl-Anness XVII.

[…]

3. […]

b) ‘Konċessjoni ta’ [għal] servizz’ hija kuntratt ta’ l-istess tip tal-kuntratt ta’ [għal] servizz minbarra għall-fatt li l-konsiderazzjoni [korrispettiv] għall-provvediment ta’ servizzi tikkonsisti jew fid-dritt biex jiġi esplojtat is-servizz biss jew f’dak id-dritt flimkien ma’ ħlas.”

4. Skont l-Artikolu 2(2) (“Entitajiet kontraenti”):

“Din id-Direttiva għandha tapplika għal entitajiet kontraenti:

a) li huma awtoritajiet kontraenti jew impriżi pubbliċi u li jsegwu [jwettqu] waħda mill-attivitajiet riferiti fl-Artikoli 3 sa 7;

[…]”.

5. Skont l-Artikolu 7, bit-titolu “Esplorazzjoni għal, jew estrazzjoni ta’, żejt, gass, faħam jew karburanti solidi oħra, kif ukoll portijiet u ajruporti”

“Din id-Direttiva għandha tapplika għal attivitajiet li għandhom x’jaqsmu mal-esplojtazzjoni ta’ erja ġeografika għall-għan ta’:

[…]

b) il-provvediment ta’ ajruporti […] jew faċilitajiet ta’ terminals oħra lil ġarrara bl-ajru […]”.

6. Fl-Artikolu 18 (“Konċessjonijiet ta’ xogħlijiet u servizz”) huwa pprovdut li:

“Din id-Direttiva m’għandhiex tapplika għal konċessjonijiet ta’ xogħlijiet u servizz li huma mogħtija minn entitajiet kontraenti li qed iwettqu waħda jew aktar mill-attivitajiet riferiti fl-Artikoli 3 sa 7, fejn dawk il-konċessjonijiet huma mogħtija għat-twettieq ta’ dawk l-attivitajiet.”

2. Id-Direttiva 96/67

7. Il-premessi jipprovdu li:

"(5) […] l-ftuħ ta' l-aċċess għall-groundhandling għandu jgħin biex inaqqas l-ispejjeż tat-tħaddim tal-kumpaniji ta' l-ajru u jtejjeb il-kwalità tas-servizz provdut għal dawk li jużaw l-ajruport;

(6) […] fid-dawl tal-prinċipju tas-sussidjarjetà huwa essenzjali li l-aċċess għas-suq tal-groundhandling għandu jseħħ f'qafas Komunitarju, waqt li jippermetti lill-Istati Membri l-possibbiltà li jagħtu kont tan-natura speċifika tas-settur;

(7) […] fil-komunikazzjoni tagħha ta' Ġunju 1994 intitolata 'It-triq 'il quddiem għall-avjazzjoni ċivili fl-Ewropa' il-Kummissjoni indikat l-intenzjoni tagħha li tieħu inizjattiva qabel l-aħħar ta' l-1994 biex tikseb aċċess għas-suq tal-groundhandling fl-ajruporti tal-Komunità; billi l-Kunsill, fir-riżoluzzjoni tiegħu ta' l-24 ta' Ottubru 1994 dwar is-sitwazzjoni fl-avjazzjoni ċivili Ewropea […], ikkonferma l-ħtieġa li jingħata kont ta' l-imperattivi [rekwiżiti] marbuta mas-sitwazzjoni fl-ajruporti meta jinfetaħ is-suq;

[…]

(11) […] għal ċerti kategoriji ta' servizzi ta' groundhandling aċċess għas-suq u self-handling jista' jħabbat wiċċu ma' sigurtà, sigurezza, kapaċità u restrizzjonijiet ta' spazju disponibbli; billi huwa għalhekk meħtieġ li jkun permess li n-numru ta' provdituri awtorizzati ta' dawk il-kategoriji ta' groundhandling ikun limitat; billi għandu wkoll ikun possibbli li jkun limitat is-self-handling; billi, f'dak il-każ, il-kriterji għall-limitazzjoni għandhom ikunu relevanti, oġġettivi trasparenti u mhux diskriminatorji;

[…]

(14) […] f'ċerti każi dan l-irbit jista' jkun tali li jkun jiġġustifika restrizzjonijiet dwar l-aċċess għas-suq jew dwar self-handling sal-limitu li dawk ir-restrizzjonijiet ikunu relevanti, oġġettivi, trasparenti u non-diskriminatorji;

[…]

(16) […] jekk kompetizzjoni effettiva u ġusta għandha tinżamm fejn in-numru ta' fornituri ta' servizzi ta' ground-handling huwa limitat, huwa meħtieġ li dan ta' l-aħħar jintagħżel skond proċedura trasparenti u imparzjali; billi dawk li jużaw l-ajruport għandhom ikunu konsultati meta jiġu biex jintagħżlu l-fornituri ta' servizzi ta' ground-handling, billi għandhom interess prinċipali fil-kwalità u l-prezz tas-servizzi ta' groundhandling li jeħtieġu;

[…]

(25) […] l-aċċess għall-istallazzjonijiet ta' ajruport għandu jkun garantit lill-fornituri awtorizzati li jipprovdu servizzi ta' ground-handling u lil dawk li jużaw l-ajruport li jmexxu huma stess, sal-limitu meħtieġ għalihom li jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom u li jippermettu kompetizzjoni ġusta u ġenwina; billi għandu jkun iżda possibbli, għal dak l-aċċess li jagħti lok għall-ġbir ta' ħlas".

8. Skont l-Artikolu 2 ("Tifsiriet"):

"Għall-għanijiet ta' din id-Direttiva:

[…]

ċ) ‘korp li jmexxi l-ajruport’ tfisser korp li, flimkien ma’ attivitajiet oħra jew le skond il-każ, għandu bħala l-għanijiet tiegħu taħt xi liġi jew regolament nazzjonali li jamministra u jmexxi l-infrastrutturi ta’ l-ajruport, u l-koordinazzjoni u l-kontroll tal-attivitjiet ta’ l-operaturi differenti preżenti fl-ajruport jew is-sistema ta’ ajruport konċernata;

[…]

e) ‘groundhandling’ tfisser is-servizzi provduti għal dawk li jużaw l-ajruport kif deskritti fl-Anness;

[…]

g) ‘fornitur ta’ servizzi ta’ groundhandling’ tfisser kull persuna naturali jew legali li tipprovdi lill-partijiet terzi kategorija waħda jew aktar ta’ servizzi ta’ groundhandling.”

9. L-Artikolu 6(1) u (2) (“Groundhandling għall-partijiet terzi”), jipprovdi:

“1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa […] biex jiżguraw aċċess ħieles għall-fornituri ta’ servizzi ta’ groundhandling għas-suq tal-provista ta’ servizzi ta’ groundhandling lill-partijiet terzi.

[…]

2. L-Istati Membri jistgħu jillimitaw in-numru ta’ fornituri awtorizzati li jipprovdu l-kategoriji ta’ servizzi ta’ groundhandling li ġejjin […]”.

10. L-Artikolu 9(1) (“Eżenzjonijiet”), jipprovdi:

“Fejn f’ajruport, minħabba restrizzjonijiet speċifiċi ta’ nuqqas ta’ spazju jew kapaċità disponibbli, li toħroġ b’mod partikolari minn konġestjoni u r-rata ta’ utilizzazzjoni ta’ l-arja, jagħmluha impossibbli li jinfetaħ is-suq u/jew jiġi implimentat self-handling sal-grad li għalih tipprovdi din id-Direttiva, l-Istat Membru konċernat jista’ jiddeċiedi:

a) li jillimita n-numru ta’ fornituri […] ta’ groundhandling […]”.

11. Skont l-Artikolu 11(1)(b) (“Għażla ta’ fornituri”):

“L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa għall-organizzazzjoni tal-proċedura tal-għażla għall-fornituri awtorizzati li jipprovdu servizzi ta’ ground-handling f’ajruport fejn in-numru tagħhom huwa limitat fil-każijiet li għalihom jipprovdi l-Artikolu 6(2) jew l-Artikolu 9.

[…]

b) Invit għall-offerta [sejħa għal offerti] għandu joħroġ u jiġi ppubblikat fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*, li għalih kull fornitur interessat ta’ servizzi ta’ groundhandling jista’ jirrispondi.

[…]”.

12. Skont l-Artikolu 16 (“Aċċess għal stallazzjonijiet”):

[…]

"2. L-ispazju disponibbli għall-groundhandling f'ajruport għandu jkun maqsum mal-forniturи varji tas-servizzi ta' groundhandling […], inklużi dawk li jidħlu ġodda f'dan il-qasam, sal-limitu meħtieġ għat-twettiq tad-drittijiet tagħhom u li jippermetti kompetizzjoni effettiva u ġusta, fuq il-bażi tar-regoli u kriterji relevanti, oġġettivi, trasparenti u mhux diskriminatorji.

3. Fejn l-aċċess għall-istallazzjonijiet ta' ajruport jagħti lok għall-ġbir ta' ħlas [remunerazzjoni], din ta' l-aħħar għandha tkun stabbilita skond il-kriterji relevanti, oġġettivi trasparenti u mhux diskriminatorji."

B. *Id-dritt Taljan*

1. Id-Digriet Leġiżlattiv Nru 163/2006[5]

13. Skont l-Artikolu 213 ("Portijiet u ajruporti"):

"Id-dispożizzjonijiet ta' din il-parti japplikaw għall-attivitajiet relatati mal-esplojtazzjoni ta' żona ġeografika għall-finijiet tat-tqegħid għad-dispożizzjoni tat-trasportaturi bl-ajru, bil-baħar jew bix-xmara, ta' ajruporti, ta' portijiet marittimi jew interni, jew ta' terminals oħra tat-trasport".

2. Id-Digriet Leġiżlattiv Nru 18/1999[6]

14. L-Artikolu 4(1) jipprovdi, b'natura ordinarja, l-aċċess liberu tal-aġenti għas-suq tal-groundhandling, bl-uniċi rekwiżiti tal-Artikolu 13.

15. L-Artikolu 4(2) jippermetti l-possibbiltà li l-aċċess liberu jkun limitat "għal raġunijiet iġġustifikati relatati mas-sigurtà, il-kapaċità jew l-ispazju disponibbli fl-ajruport".

16. L-Artikolu 12(1) jiddeskrivi każijiet ta' eċċezzjoni għall-aċċess liberu, mifhuma bħala "limitazzjonijiet speċifiċi ta' spazju jew ta' kapaċità disponibbli, b'mod partikolari, skont il-konġestjoni u r-rata ta' użu tal-arja, wara indikazzjoni mill-korp li jmexxi l-ajruport".

17. L-Artikolu 11 jimponi l-obbligu li ssir proċedura minn qabel ta' sejħa pubblika għal offerti "fl-għażla ta' forniturи fil-kategoriji ta' servizzi ta' groundhandling li l-aċċess tagħhom huwa suġġett għal limitazzjonijiet jew eċċezzjonijiet".

II. Proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja

18. It-talba għal deċiżjoni preliminari waslet fir-Reġistru tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-31 ta' Diċembru 2015.

19. Saru osservazzjonijiet bil-miktub minn Malpensa Logistica, minn Beta-Trans, minn SEA u mill-Kummissjoni Ewropea.

20. Fil-25 ta' Mejju 2016, saret seduta pubblika, li fiha ma dehrux Malpensa Logistica u Beta-Trans. Min-naħa l-oħra, SEA u l-Kummissjoni Ewropea kienu rrappreżentati.

5 Għat-traspożizzjoni fil-liġi Taljana tad-Direttivi 2004/17 u 2004/18/KE [Codice dei contratti pubblici relativi a lavori, servizi e forniture in attuazione delle direttive 2004/17/CE e 2004/18/CE (GURI Nru 100 tat-2 ta' Mejju 2006)].

6 Għat-traspożizzjoni fil-liġi Taljana tad-Direttiva 96/67 [Attuazione della direttiva 96/67/CE relativa al libero accesso al mercato dei servizi di assistenza a terra negli aeroporti della Comunità (GURI Nru 28 tal-4 ta' Frar 1999)].

III. Il-fatti tal-kawża u d-domandi preliminari

21. SEA, bħala l-korp li jmexxi l-ajruport ta' Milano-Malpensa, tat lil Beta-Trans ħangar ta' dan l-ajruport, ta' madwar 1 000 metru kwadru, għall-provvista ta' servizzi ta' groundhandling.

22. Mill-osservazzjonijiet bil-miktub u mill-informazzjoni pprovduti fl-att tas-seduta, jidher li, qabel ma tat il-ħangar lil Beta-Trans, kienet sejħet proċedura ta' kompetizzjoni sabiex tagħti ċerti spazji fl-ajruport lill-operaturi tal-groundhandling. F'din is-sejħa għal offerti dehru kemm Beta-Trans kif ukoll Malpensa Logistica, it-tnejn li huma awtorizzati sabiex iwettqu attivitajiet ta' tmexxija fiżika (*handling*) fl-istess ajruport, u rebħet l-ewwel waħda.

23. Peress li Beta-Trans ma setgħetx tokkupa l-ispazju li ġie assenjat lilha, minħabba li ma kienx għadu ma ġiex ippreparat b'mod xieraq, inkwantu kien jeħtieġ xogħlijiet ta' rinnovazzjoni, SEA ppermettitilha tuża b'mod temporanju ħangar ta' 1 000 metru kwadru, sabiex tkun tista' tibda immedjatament twettaq l-attivitajiet ta' groundhandling tagħha. Dan l-għoti, għalhekk, kien ta' natura temporanja biss sakemm l-"ispazju finali" ikun lest biex jintuża (skedat għal Lulju 2017).

24. Fit-18 ta' April 2015, Malpensa Logistica talbet l-annullament tad-deċiżjoni tal-għoti tal-ħangar lil Beta-Trans. Hija sostniet li anki hija kellha bżonn iktar spazju, bl-istess mod bħal Beta-Trans, u għalhekk it-tnejn li huma kellhom jiġu ttrattati fuq bażi ugwali, fi ħdan proċedura ta' sejħa pubblika għal offerti.

25. Il-qorti li għandha ssolvi t-tilwima tiddikjara li, bħala prinċipju, huwa applikabbli d-Digriet Leġiżlattiv Nru 163/2006, peress li, skont il-ġurisprudenza tal-Consiglio di Stato (kunsill tal-istat, l-Italja)[7], il-leġiżlazzjoni interna dwar il-kuntratti pubbliċi tirregola l-konċessjonijiet ta' żoni ta' ajruporti għall-provvista ta' servizzi ta' groundhandling. L-għoti tal-ispazji jaqa' taħt il-kamp ta' applikazzjoni sostantiv tar-regoli dwar is-setturi speċjali u jeħtieġ, għalhekk, li tinfetaħ proċedura ta' sejħa pubblika għal offerti.

26. Madankollu, il-qorti *a quo* ssib li regola interna oħra (id-Digriet Leġiżlattiv Nru 18/1999, li jirregola s-servizzi ta' groundhandling f'ajruport) tasal għal soluzzjoni differenti, peress li ma timponix il-ftuħ ta' proċedura ta' sejħa għal offerti.

27. Sa fejn iż-żewġ leġiżlazzjonijiet Taljani jittrasponu, rispettivament, id-Direttivi 2004/17 u 96/67, it-Tribunale Amministrativo Regionale per la Lombardia (qorti amministrattiva reġjonali tal-Lombardia) tqis li huwa meħtieġ li ssir id-domanda preliminari li ġejja lill-Qorti tal-Ġustizzja:

"L-Artikolu 7 tad-Direttiva 2004/17/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-31 ta' Marzu 2004, li tikkoordina l-proċeduri ta' akkwisti [għoti ta' kuntratti] ta' entitajiet li joperaw fis-setturi tas-servizzi tal-ilma, l-enerġija, t-trasport u postali, sa fejn dan jissuġġetta l-attivitajiet ta' esplojtazzjoni ta' żona ġeografika għar-regoli li jirregolaw l-għoti ta' kuntratti pubbliċi Komunitarji bil-għan tat-tqegħid ta' ajruporti għad-dispożizzjoni tat-trasportaturi bl-ajru, hekk kif iddefiniti mill-ġurisprudenza nazzjonali mfakkra fil-punti 6.4 u 6.5, jipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali bħal dik imsemmija fl-Artikoli 4 u 11 tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 18/1999, li ma tipprevedix proċedura minn qabel ta' sejħa pubblika għal offerti għal kull għoti, inkluż temporanju, ta' spazji intiżi għal dan il-għan?".

7 Skont il-ġurisprudenza tal-Consiglio di Stato (kunsill tal-istat), iċċitata mill-qorti tar-rinviju (sentenzi Nru 4934/2013 u Nru 2026/2014), l-Artikolu 213 tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 163/2006, ma jkoprix biss l-operazzjonijiet ta' tluq, inżul u r-regolazzjoni tal-ajruplani kollha, iżda wkoll l-attivitajiet relatati mat-transitu u s-sigurtà tal-passiġġieri, issortjar tal-bagalji u, b'mod ġenerali, kwalunkwe servizz li normalment jissupplimentahom. Hija żżid li l-konċessjoni ta' żoni fl-ajruport għall-provvista ta' servizzi ta' groundhandling, bħala forma ta' esplojtazzjoni ta' spazji tal-ajruport fir-rigward ta' attivitajiet ġeneralment imwettqa minn trasportaturi bl-ajru, taqa' taħt il-kamp ta' applikazzjoni sostantiv tar-regoli dwar is-setturi speċjali.

IV. Sintesi tal-argumenti tal-partijiet

28. Fil-fehma ta' Malpensa Logistica, id-Direttiva 96/67 kienet ispirata mill-bżonn li s-servizzi ta' groundhandling jinfetħu għas-suq, u jitneħħew mill-influwenza monopolistika tal-korpi li jmexxu l-ajruporti fi żmien meta l-allokazzjoni ta' spazji fl-ajruport minn dawn il-korpi li jmexxu l-ajruport taqa' taħt il-qasam ta' "setturi speċjali" inklużi fil-leġiżlazzjoni dwar il-kuntratti pubbliċi.

29. Id-Direttiva 2004/17, adottata sussegwentement, tirregola l-proċeduri għall-għoti ta' kuntratti fis-setturi speċjali u tiddetermina li l-prinċipji tagħha jiġu applikati għall-kuntratti relatati mal-provvediment tal-ajruporti (Artikolu 7) b'għanijiet marbuta direttament mat-twettiq ta' attività f'ajruport (Artikolu 20). B'mod iktar preċiż, l-Artikolu 10 tagħha jimponi fuq l-awtoritajiet kontraenti l-obbligu li jittrattaw lill-operaturi ekonomiċi b'mod nondiskriminatorju u ugwali; u l-Artikolu 31 jistipula li l-kuntratti għas-servizzi elenkati fl-Anness XVII A għandhom jingħataw skont l-Artikoli 34 sa 59

30. Fl-Italja, il-ħidma ta' għoti ta' kuntratti hija responsabbiltà tal-kumpanniji detenturi ta' konċessjonijiet tal-ajruporti u dawk il-kuntratti huma marbutin direttament mal-attività tal-korp li jmexxi l-ajruport. SEA għalhekk, hija obbligata li talloka l-ispazji meħtieġa għall-operat tas-servizzi relatati mal-ġestjoni tal-ajruport permezz tal-proċeduri tad-Direttiva 2004/17.

31. Din is-sistema, skont Malpensa Logistica, tinsab fuq livell differenti minn dak tad-Direttiva 96/67, li l-għan tagħha ma kienx biss it-tneħħija tal-monopolju tal-korpi li jmexxu l-ajruporti, iżda wkoll l-istabbiliment ta' trattament ugwali għall-operaturi kollha li jaspiraw li jużaw spazju fl-ajruport. B'mod konformi mal-prinċipji Komunitarji, din l-ugwaljanza hija ggarantita permezz ta' proċeduri ta' għażla miftuħin għall-kompetizzjoni.

32. Skont Malpensa Logistica, ma hemmx kontradizzjoni bejn id-Direttivi 96/67 u 2004/17, li l-oqsma ta' applikazzjoni tagħhom huma differenti. Wara d-dħul fis-seħħ tad-Direttiva 2004/17 u tar-regoli ta' traspożizzjoni tagħha, il-forniturі ta' servizzi marbutin direttament mal-attività tal-ajruport għandu jkollhom aċċess għall-esplojtazzjoni taż-żoni li jiġu assenjati lilhom permezz ta' proċeduri tal-għażla miftuħin u trasparenti.

33. Fl-aħħar nett, Malpensa Logistica tqis li huwa irrilevanti li l-għotja kkontestata hija biss temporanja, għaliex hija stess ukoll kellha interess fl-allokazzjoni temporanja tal-ispazju inkwistjoni, li kellu jiġi allokat permezz ta' proċedura ta' sejħa għal offerti.

34. Beta-Trans tinnota, l-ewwel nett, li l-ħangar tqiegħed għad-dispożizzjoni tagħha peress li preċedentement kienet l-offerent rebbieħ, permezz ta' proċedura ta' kompetizzjoni, ta' faċilità simili oħra li għadha taħt kostruzzjoni. L-allokazzjoni inkwistjoni kienet għal żmien limitat, sakemm tkun tista' tuża dik il-faċilità.

35. Beta-Trans tiddeskrivi l-kuntest kummerċjali tar-relazzjonijiet bejnha, bejn Malpensa Logistica u bejn il-klijent antik ta' din (Nippon Cargo Airlines) sabiex tipprovdi li, għalkemm Malpensa Logistica kienet tgawdi arja bil-wisq ikbar ta' spazju fl-ajruport, Beta-Trans kien irnexxielha tistabbilixxi rabta kummerċjali ma' Nippon Cargo Airlines, li ma kienx ikun possibbli mingħajr l-għotja kkontestata. Fil-fehma tagħha, il-mod ta' azzjoni ta' SEA jiggarantixxi aċċess għas-suq lil operaturi ġodda, kif ukoll kompetizzjoni effettiva u reali, peress li terzi jistgħu jagħżlu liberament bejn diversi aġenti tal-ajruporti. Hija tenfasizza, għal dan il-għan, l-importanza tal-Artikolu 16 tad-Direttiva 96/67, li jiffavorixxi l-ftuħ tas-suq għal operaturi li bħalha huma ġodda.

36. Fl-aħħar nett, Beta-Trans tibbaża l-analiżi tagħha fuq id-Direttiva 96/67 u fuq id-Digriet Leġiżlattiv Nru 18/1999, li jittrasponiha fid-dritt Taljan, sabiex tenfasizza li hemm eċċezzjonijiet għar-regola ġenerali ta' aċċess liberu (*inter alia*, raġunijiet għal nuqqas ta' spazju) li jistgħu jiġġustifikaw limitazzjoni tan-numru ta' fornituri tas-servizzi, u dawn huma magħżula permezz ta' proċeduri ta' għażla kompetittivi.

37. Skont SEA, id-Direttiva 2004/17 ma hijiex applikabbli f'dan il-każ, li huwa rregolat mid-Direttiva 96/67, skont il-prinċipju ta' speċjalità. Hija targumenta li, meta d-direttiva msemmija l-aħħar ġiet adottata, setturi bħal dak tat-trasport bl-ajru kienu diġà rregolati mid-Direttiva 531/90/KEE[8], li mbagħad ġiet issostitwita bid-Direttiva 2004/17 b'kontenut sostanzjalment identiku f'dak li jirrigwarda l-kamp ta' applikazzjoni. Għalhekk, permezz tal-adozzjoni tad-Direttiva 96/67, il-leġiżlatur Komunitarju kien konxju tal-eżistenza ta' tali leġiżlazzjoni dwar l-għoti ta' kuntratti pubbliċi fis-setturi speċjali, u minkejja dan introduċa sistema speċifika għas-servizzi ta' groundhandling fl-ajruport.

38. Minn perspettiva oħra, SEA tqis li d-Direttiva 2004/17 tippresupponi neċessarjament in-natura oneruża tal-kuntratt konkluż bejn l-entità kontraenti u l-kuntrattur[9], fejn dik tal-ewwel tagħti remunerazzjoni lit-tieni wieħed, bi ħlas għas-servizz li tirċievi. Dan l-element huwa nieqes fil-każ preżenti, fejn huwa l-kuntrattur dak li jagħti ħlas lill-parti l-oħra, bħala korrispettiv għall-okkupazzjoni tal-ispazju pubbliku. Id-Direttiva 2004/17, għaldaqstant, ma tapplikax għall-kawża.

39. Imbagħad, SEA tpoġġi enfasi fuq il-possibbiltà, permessa mid-Direttiva 96/67, li jiġu stabbiliti limitazzjonijiet għall-aċċess ta' aġenti ta' groundhandling u li, f'każ bħal dan, għandha tinfetaħ proċedura pubblika ta' għażla. Hija tenfasizza li tali għażla ma tfissirx neċessarjament li għandu jsir proċess ta' għażla għall-allokazzjoni ta' spazji intiżi għal din l-attività.

40. Il-Kummissjoni, bi qbil ma' SEA, temmen li d-Direttiva 2004/17 ma hijiex applikabbli, sa fejn ma tingħatax in-natura oneruża meħtieġa, skont l-Artikolu 1(2)(c) u (d), peress li ma teżistix remunerazzjoni mill-awtorità kontraenti lill-kuntrattur, bħala korrispettiv għall-provvista ta' servizz minn naħa tiegħu. Ir-relazzjoni bejniethom taqa' fi ħdan l-għoti ta' servizzi, esklużi bl-Artikolu 18 tad-Direttiva 2004/17 mill-ambitu tagħha.

41. Anki jekk jiġi aċċettat li l-konċessjoni ta' spazju fl-ajruport għandha tkun irregolata mid-Direttiva 2004/17, din taqa' taħt il-kategorija pprovduta fin-numru 20 tal-Anness XVII B, b'tali mod li l-korp li jmexxi l-ajruport ma jkollu ebda obbligu li jorganizza proċedura ta'sejħa għal offerti.

42. Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni tiddikjara li d-Direttiva 96/67 hija l-punt ta' riferiment u li minnha jirriżulta biss li l-korp li jmexxi l-ajruport għandu jqassam l-ispazji disponibbli bejn id-diversi operaturi, sal-limitu meħtieġ għat-twettiq tad-drittijiet tagħhom li jippermetti kompetizzjoni effettiva u ġusta f'termini ta' standards u ta' kriterji rilevanti, oġġettivi, trasparenti u imparzjali. Il-qorti nazzjonali għandha tivverifika jekk, f'dan il-każ partikolari, ġewx irrispettati dawn il-kriterji, anki fin-nuqqas ta' proċedura ta' sejħa għal offerti.

8 Id-Direttiva tal-Kunsill, tas-17 ta' Settembru 1990, dwar il-proċeduri ta' akkwist [għoti ta' kuntratti] ta' entitajiet li joperaw fis-setturi tal-ilma, l-enerġija, it-trasport u t-telekomunikazzjoni (ĠU 1990, L 297, p. 1).

9 Issir distinzjoni bejn kuntratti pubbliċi *passivi* (inklużi dawk irregolati mid-Direttiva 2004/17), li jirrappreżentaw sors ta' nefqa għall-entità rebbieħa li takkwista prodotti jew servizzi, u l-kuntratti pubbliċi *attivi*, li jinkludu l-għoti ta' oġġetti ta' dominju pubbliku, li l-Awtorità tirċievi dhul għalihom.

V. L-evalwazzjoni

43. Bħala osservazzjoni preliminari, naħseb li għandu jiġi nnotat li r-risposta tal-Qorti tal-Ġustizzja lill-qorti nazzjonali *a quo* ma tistax tidħol fid-dibattitu dwar l-interpretazzjoni tar-regoli interni li, skont din tal-aħħar, jistgħu jintużaw "b'mod astratt"[10] sabiex tinstab soluzzjoni għat-tilwima.

44. Tabilħaqq, hija l-qorti tar-rinviju (u eventwalment, il-qorti li jkollha teżamina l-appell mis-sentenza tagħha) li għandha tiċċara jekk id-Digriet Leġiżlattiv Nru 163/2006 (dwar l-għoti ta' kuntratti pubbliċi) japplikax, inkwantu regola ġenerali, bi preċedenza fuq id-dispożizzjonijiet tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 18/1999 (li jirregola s-servizzi ta' groundhandling fl-ajruport) sabiex tiddetermina jekk, fid-dritt Taljan u skont dawn it-testi legali, l-allokazzjoni ta' spazji fl-ajruport għandhiex tkun ippreċeduta minn proċedura ta' sejħa pubblika għal offerti.

45. Il-fatt li ż-żewġ dispożizzjonijiet nazzjonali "jirriżultaw mid-dritt tal-Unjoni", kif iddikjarat mill-qorti tar-rinviju[11], ma jimpedixxix lil-leġiżlatur Taljan milli jissuġġetta l-allokazzjonijiet ta' spazji fl-ajruport, bħal dawk inkwistjoni f'dan il-każ, għal proċeduri ta' sejħa pubblika għal offerti, allokazzjonijiet li, kif ser nargumenta iktar 'il quddiem, ma humiex koperti mid-Direttiva 2004/17. Din tal-aħħar teħtieġ, għaldaqstant, li l-għoti tal-kuntratti pprovduti fiha jkun konformi mad-dispożizzjonijiet tagħha, iżda ma hemm xejn li jwaqqaf lil Stat Membru milli jiddeċiedi, fuq l-inizjattiva tiegħu stess, li jestendi din l-istess sistema għal tranżazzjonijiet legali oħra.

46. Għalhekk, apparti l-ġurisdizzjoni innegabbli tal-qrati Taljani sabiex jiddeterminaw jekk, skont id-dritt tagħhom, l-għoti ta' spazji fl-ajruporti għandux isir fuq sejħa pubblika għal offerti, ser nillimita ruħi sabiex nipprovdi linji gwida interpretattivi taż-żewġ direttivi inkwistjoni. Wara li nidentifika dik li, mill-perspettiva tad-dritt tal-Unjoni, nikkunsidra li hija applikabbli, għandu jiġi analizzat jekk hemmx xi sinjal ta' nuqqas ta' konformità tad-dritt Taljan magħha.

A. Fuq l-applikazzjoni tad-Direttiva 2004/17

47. L-ewwel punt li għandu jiġi indirizzat huwa dak tal-klassifikazzjoni tar-relazzjoni bejn il-korp li jmexxi l-ajruport u l-fornituri ta' servizzi ta' groundhandling, sabiex jiġi vverifikat jekk għandniex kuntratt pubbliku għal servizzi jew konċessjoni għal servizzi, b'komponent ta' dominju pubbliku. Fil-każ imsemmi l-aħħar, id-Direttiva 2004/17 ma tkunx applikabbli, skont l-Artikolu 18 tagħha.

48. Il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja[12] stabbilixxiet il-bażijiet għad-distinzjoni bejn iż-żewġ kategoriji. Għalkemm id-deċiżjonijiet tagħha kienu fir-rigward tal-interpretazzjoni tad-Direttiva 2004/18/KE[13], nemmen li dawn jistgħu jiġu estiżi għad-Direttiva 2004/17, minħabba l-parallelliżmu tad-dispożizzjonijiet ta' riferiment previsti fihom.

49. Il-Qorti tal-Ġustizzja tipprovdi li "mill-paragun bejn id-definizzjonijiet ta' kuntratt pubbliku għal servizzi u konċessjoni għal servizzi, ipprovduti, rispettivament, mill-Artikolu 1(2)(a) u (d) u mill-Artikolu 1(4) tad-Direttiva 2004/18 [li jikkorrispondu għall-Artikolu 1(2)(a) u (d) u 3(b), tad-Direttiva 2004/17], jirriżulta li d-differenza bejn kuntratt għal servizzi u konċessjoni għal servizzi

10 Deċiżjoni tar-rinviju, it-Taqsima 6.2.

11 *Ibidem.*

12 Sentenza tal-10 ta' Marzu 2011, Privater Rettungsdienst und Krankentransport Stadler (C-274/09, EU:C:2011:130), punti 24 u 26; u s-sentenza tat-8 ta' Settembru 2016, Politanò (C-225/15, EU:C:2016:645), punti 29 sa 31.

13 Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-31 ta' Marzu 2004, dwar il-kordinazzjoni tal-proċeduri għall-għoti ta' kuntratti ta' xogħlijiet pubbliċi, kuntratti ta' provvista pubbliċi u kuntratti ta' servizz pubbliku [kuntratti pubbliċi għal xogħlijiet, għal provvisti u għal servizzi] (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 6, Vol. 7, p. 132).

tinsab fil-korrispettiv tal-provvista ta' servizzi. Il-kuntratt għal servizzi jinvolvi korrispettiv, li ma huwiex l-uniku, li jitħallas direttament mill-awtorità kontraenti lill-fornitur ta' servizzi, filwaqt li, fil-każ ta' konċessjoni għal servizzi, il-korrispettiv tal-provvista ta' servizzi jikkonsisti fid-dritt tal-operat tas-servizz, jew waħdu, jew flimkien ma' ħlas" [14].

50. Hija żżid li l-klassifikazzjoni ta' relazzjoni bħall-konċessjoni għal servizzi "timplika li l-konċessjonarju jassumi r-riskju marbut mat-twettiq tas-servizzi inkwistjoni u li n-nuqqas ta' trasferiment lill-fornitur tar-riskju marbut mal-provvista ta' servizzi jindika li t-tranżazzjoni msemmija tikkostitwixxi kuntratt pubbliku għal servizzi u mhux konċessjoni għal servizzi" [15].

51. Fil-kuntest tas-servizzi ta' groundhandling, ir-rabta bejn il-korp li jmexxi l-ajruport u l-fornitur ta' tali servizzi lill-kumpanniji tal-ajru tikkonkretizza ruħha fit-trasferiment, li l-ewwel wieħed jagħmel favur it-tieni wieħed, tal-art u l-faċilitajiet inkwistjoni tal-ajruport. Il-korp li jmexxi l-ajruport jirċievi, bħala korrispettiv għal dan il-provvediment ta' proprjetà pubblika, ħlas ta' remunerazzjoni (normalment fil-forma ta' miżata) mill-operatur. Dan, min-naħa tiegħu, juża l-ispazji mogħtija fir-relazzjonijiet kummerċjali tiegħu ma' terzi, jiġifieri, mal-utenti li huma obbligati li jħallsuh għas-servizzi mwettqa [16]. L-operatur iġorr ir-riskju kummerċjali inerenti għall-operat tal-kumpannija tiegħu.

52. Matul is-seduta ġie kkonfermat li din l-iskema bażika hija, preċiżament, dik applikata fl-ajruport ta' Milano-Malpensa. Il-forniturі tas-servizzi ta' groundhandling iħallsu lil SEA, bħala korp li jmexxi l-ajruport, miżata annwali bbażata fuq il-metri kwadri tal-faċilitajiet okkupati. Din ir-remunerazzjoni hija stabbilita bħala korrispettiv għall-użu tal-ispazji tal-ajruport u hija bbażata fuq l-Artikolu 16(3) tad-Direttiva 96/67 [17].

53. Konċessjoni ta' faċilitajiet tal-ajruport favur fornitur sabiex dan joffri servizzi ta' groundhandling lil terzi ma tistax tiġi kklassifikata bħala kuntratt pubbliku għal servizzi fis-sens tal-Artikolu 1(2)(a) u (d) tad-Direttiva 2004/17 u, għalhekk, ir-relazzjoni msemmija fil-kawża prinċipali taqa' barra mill-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-direttiva.

54. Fl-aħħar nett, hekk kif tindika l-Kummissjoni, jekk jiġi aċċettat li l-għoti ta' dan it-tip ta' faċilitajiet, li jipprovdu servizzi ta' groundhandling, għandu jkun suġġett għad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2004/17, dan ikun ifisser li dan jifforma parti mis-servizzi tat-trasport supplimentari u awżiljarju (kategorija 20 tal-Anness XVII B tad-Direttiva 2004/17). Madankollu, l-Artikolu 32 ta' din id-Direttiva 2004/17 jipprovdi li l-għoti tal-kuntratti ta' din il-kategorija ta' servizzi "għandhom jiġu regolati [għandu jiġi rregolat biss] biss mill-Artikoli 34 u 43" (speċifikazzjonijiet tekniċi u avviżi ta' kuntratt diġà allokati, rispettivament), jiġifieri, mhux għar-regoli ġenerali l-oħra.

14 Sentenza tat-8 ta' Settembru 2016, Politanò (C-225/15, EU:C:2016:645), punt 30.

15 *Ibidem*, punt 31. Dawn l-elementi li jidentifikaw l-għoti tas-servizzi ġew inkorporati mil-leġiżlatur tal-Unjoni fl-Artikolu 5(1)(b) tad-Direttiva 2014/23/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-26 ta' Frar 2014, dwar l-għoti ta' kuntratti ta' konċessjoni. (ĠU 2014, L 94, p. 1).

16 Il-kontenut ekonomiku tar-relazzjoni bejn il-partijiet involuti huwa stabbilit, f'xi pajjiżi, f'dokument li japprova l-korp li jmexxi ajruport. Normalment dan ikun fih l-ammont tal-miżata (jew obbligu finanzjarju simili, ta' natura pubblika) li għandha titħallas mill-operatur, fil-proporzjon tal-ispazju allokat u, fejn xieraq, tat-tipi differenti ta' servizzi offruti. Tista' tiġi stabbilita wkoll ir-rata, jew il-prezz massimu, li l-operatur għandu jitlob mingħand il-klijenti tiegħu, skont in-natura tas-servizzi li jeħtieġu, inklużi dawk ta' *handling*.

17 Fis-sentenza tas-16 ta' Ottubru 2003, Flughafen Hannover-Langenhagen (C-363/01, EU:C:2003:548), il-Qorti tal-Ġustizzja ddikjarat li l-Artikolu 16(3) tad-Direttiva 96/67 jippermetti li l-korp li jmexxi l-ajruport jitlob miżata għall-użu tal-faċilitajiet tal-ajruport, li tkun tieħu inkunsiderazzjoni l-interessi ta' dak il-korp li jagħmel profitt, u li l-ammont tagħha għandu jkun ikkalkulat skont il-kriterji stabbiliti f'dak l-artikolu.

B. Dwar l-eventwali konkomitanza tad-Direttivi 2004/17 u 96/67

55. Jekk, ipotetikament, l-għoti tal-ispazji fl-ajruport lill-fornituri ta' servizzi ta' groundhandling ikollu n-natura ta' kuntratt ta' provvista ta' servizzi (*quod non*), kemm id-Direttiva 2004/17 kif ukoll id-Direttiva 96/67 ikunu applikabbli għall-istess fatt. L-ewwel waħda tipprovdi li l-għoti jiġi wara proċedura ta' sejħa għal offerti standardizzata u t-tieni waħda ma teħtieġx li jsir dan, bil-konsegwenza li l-kunflitt ikun evidenti.

56. Kif enfasizzat mill-Kummissjoni fl-osservazzjonijiet bil-miktub tagħha u kif fakkret fis-seduta, il-korpi li jmexxu l-ajruport, li jinkludu s-SEA, għandhom konfigurazzjoni partikolari li tippermettilhom li jaġixxu kemm bħala awtoritajiet kontraenti, taħt il-kopertura tad-Direttiva 2004/17, kif ukoll bħala amministraturi tal-infrastrutturi tal-ajruport, titolu li, skont id-Direttiva 96/67, jawtorizzahom sabiex jikkoordinaw u jikkontrollaw l-attivitajiet tad-diversi operaturi li jinsabu fl-ajruport. Dawn ir-rwoli doppji jirrikjedu eżaminazzjoni ta' liema kompiti għandhom jitwettqu f'kull każ.

57. Għotjiet bħal dik inkwistjoni fil-kawża jaqgħu taħt it-tieni kategorija ta' funzjonijiet irregolati mid-Direttiva 96/67, mingħajr ma jkunu suġġetti għal proċeduri rregolati mid-Direttiva 2004/17, kif għadni kif indikajt. Din is-soluzzjoni tintlaħaq, fil-fehma tiegħi, billi jitqiesu biss il-kampijiet ta' applikazzjoni rispettivi, mingħajr ma jkun hemm bżonn li jitqiesu l-kriterji ermenewtiċi bbażati fuq il-binomju *lex generalis*/*lex specialis*.

58. Kieku kellha tuża dawn il-kriterji, il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tipprovdi soluzzjoni tal-kunflitt bejn iż-żewġ regolamenti. F'dawk il-każijiet, il-Qorti tal-Ġustizzja neħħiet il-frizzjoni bejn ir-regoli billi użat il-prinċipju ta' speċjalità, marbut maċ-ċertezza legali li "jeħtieġ li r-regoli tad-dritt ikunu ċari, preċiżi u prevedibbli fl-effetti tagħhom, sabiex il-persuni interessati jkunu jistgħu jorjentaw ruħhom f'sitwazzjonijiet u f'relazzjonijiet legali li jagħmlu parti mill-ordinament ġuridiku tal-Unjoni" [18].

59. Huwa partikolarment xieraq li jsir riferiment għas-sentenza reċenti tas-27 ta' Ottubru 2016, Hörmann Reisen [19], li fiha s-sovrapożizzjoni evidenti seħħet, ukoll fil-qasam tat-trasport, bejn ir-Regolament (KE) Nru 1370/2007 [20] u d-direttivi dwar l-għoti ta' kuntratti pubbliċi [21].

60. F'dik is-sentenza, il-Qorti tal-Ġustizzja, bħala premessa tas-sentenza tagħha, tipprovdi li "d-Direttiva 2004/18 […] hija ta' applikazzjoni ġenerali, filwaqt li r-Regolament Nru 1370/2007 japplika biss għal servizzi pubbliċi ta' trasport tal-passiġġieri bil-ferrovija u bit-triq." Minn din il-konstatazzjoni, meta wieħed iqis li kemm ir-Regolament Nru 1370/2007 kif ukoll id-Direttiva 2004/18 "jinkludu regoli dwar is-subappalt, għandu jitqies li l-ewwel dispożizzjoni hija regola speċjali meta mqabbla ma dawk previsti fit-tieni dispożizzjoni u, bħala *lex specialis*, tipprevali fuq dawn tal-aħħar."

61. Malpensa Logistica targumenta, madankollu, li d-Direttiva 2004/17 hija applikabbli, minħabba li ġiet wara d-Direttiva 96/67. Iżda l-analiżi tas-sekwenza tal-ħin twassal, pjuttost, għall-konklużjoni opposta, minħabba li l-formulazzjoni tad-Direttiva 2004/17 taqbel, f'dan il-punt, ma' dik tal-predeċessur tagħha, id-Direttiva 90/531/KEE [22], li diġà kienet tinkludi l-ajruporti fil-kamp ta'

18 Sentenza tat-12 ta' Frar 2015, Il-Parlament vs Il-Kunsill (C-48/14, EU:C:2015:91), punt 45, li tagħmel riferiment għas-sentenzi tat-8 ta' Diċembru 2011, France Télécom vs Il-Kummissjoni (C-81/10 P, EU:C:2011:811), punt 100; u tal-31 ta' Jannar 2013, LVK-56 (C-643/11, EU:C:2013:55), punt 51.

19 Kawża C-292/15, EU:C:2016:817.

20 Ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-23 ta' Ottubru 2007, dwar servizzi pubbliċi tat-trasport tal-passiġġieri bil-ferrovija u bit-triq u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nri 1191/69 u 1107/70 (ĠU 2007, L 315, p. 1).

21 Il-problema qamet mill-portata differenti ta' subappalt, skont l-applikabbiltà tad-Direttiva 2004/18 jew tar-Regolament Nru 1370/2007.

22 Id-Direttiva tal-Kunsill, tas-17 ta' Settembru 1990, dwar il-proċeduri ta' akkwist [għoti ta' kuntratti] ta' entitajiet li joperaw fis-setturi tal-ilma, l-enerġija, it-trasport u t-telekomunikazzjoni (ĠU 1990, L 297, p. 1).

applikazzjoni tagħha [l-Artikolu 2(2)(b)(ii)], bl-istess termini bħall-Artikolu 7(b) tad-Direttiva 2004/17. Għalhekk il-leġiżlatur Komunitarju, meta adotta d-Direttiva 96/67, kellu għarfien sħiħ tal-ispeċifiċità li kienet tistabbilixxi, differenti minn dik li tinsab fid-Direttiva dwar l-għoti ta' kuntratti pubbliċi fis-setturi speċjali.

62. L-uniċità tal-leġiżlazzjoni dwar l-ajruporti hija ġġustifikata mid-Direttiva 96/67, kif enfasizzat fil-premessi tagħha [23] li l-objettivi tagħha huma li tikkontribwixxi għat-tnaqqis tal-ispejjeż operattivi tal-kumpanniji tal-ajru u li ttejjeb il-kwalità tas-servizzi offruti lill-utenti permezz tal-ftuħ tal-aċċess għas-suq tal-groundhandling [24], filwaqt li tirrikonoxxi l-possibbiltà li l-Istati jqisu l-partikolarità tas-settur u l-ħtieġa li jiġu kkunsidrati l-ħtiġiet relatati mas-sitwazzjoni tal-ajruporti li jwettqu dan il-ftuħ.

63. Minn din il-perspettiva, għalhekk, l-applikazzjoni tad-Direttiva 2004/17 hija wkoll eskluża favur l-applikazzjoni tad-Direttiva 96/67.

C. Ir-riżultat ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet fuq ir-risposta li għandha tingħata għad-domanda preliminari

64. Id-domanda tal-qorti *a quo* hija limitata biss sabiex jiġi stabbilit jekk l-Artikolu 7 tad-Direttiva 2004/17 "jipprekludix" regoli nazzjonali (Artikoli 4 u 11 tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 18/1999) li ma jipprevedux proċedura minn qabel ta' sejħa pubblika għal offerti għall-għoti tal-ispazji tal-ajruport.

65. Minn dak li esponejt sa issa nikkonkludi li r-risposta għal din id-domanda, kif ifformulata, għandha tkun negattiva. Għal dan il-għan, huwa suffiċjenti li jiġi spjegat li d-Direttiva 2004/17 ma tapplikax għal dan it-tip ta' għotjiet, bla ħsara għall-fatt li l-leġiżlatur nazzjonali jista' jissuġġettahom, jekk iqis li dan ikun xieraq u fuq l-awtorità tiegħu stess, għal linji gwida simili għal dawk li japplikaw għall-kuntratti pubbliċi fis-setturi speċjali. Sa fejn id-Digriet Leġiżlattiv Nru 18/1999 ma jipprevedix is-sistema rregolata ta' sejħa għal offerti sabiex jingħata l-użu ta' dawk l-ispazji, dan ma jmurx kontra d-Direttiva 2004/17.

66. Madankollu, din ir-risposta tista' ma tkunx suffiċjenti, u tnaqqas il-valur għad-djalogu preliminari, peress li l-qorti tar-rinviju fil-preżentazzjoni ddettaljata tal-liġi applikabbli, semmiet ukoll id-Direttiva 96/67 u l-leġiżlazzjoni li tittrasponiha fid-dritt Taljan. Risposta li ma teżaminax l-impatt ta' dik id-direttiva fil-kawża prinċipali, fil-fehma tiegħi, ma tkunx kompluta.

67. Barra minn hekk, kif ripetutament sostniet il-Qorti tal-Ġustizzja, "l-fatt li qorti tar-rinviju fformulat domanda preliminari billi rreferiet għal ċerti dispożizzjonijiet biss tad-dritt tal-Unjoni ma huwiex ta' ostakolu sabiex il-Qorti tal-Ġustizzja tipprovdi lil din il-qorti l-elementi kollha ta' interpretazzjoni li jistgħu jkunu utli għad-deċiżjoni tal-kawża li għandha quddiemha, kemm jekk hija rreferiet għalihom jew le meta ressqet id-domandi tagħha" [25].

68. Jidher xieraq, għalhekk, li jiġu indirizzati l-problemi mqajma fid-deċiżjoni tar-rinviju wkoll mill-perspettiva tad-Direttiva 96/67.

23 Il-premessi 5 sa 7, traskritti fil-punt 7 ta' dawn il-konklużjonijiet.

24 Dan l-għan huwa enfasizzat mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza tal-11 ta' Settembru 2014, Il-Kummissjoni vs Il-Portugall (C-277/13, EU:C:2014:2208), punt 48.

25 Sentenza tat-22 ta' Ottubru 2015, Impresa Edilux u SICEF (C-425/14, EU:C:2015:721), punt 20 u l-ġurisprudenza ċċitata.

D. L-allokazzjoni ta' spazji tal-ajruport fid-Direttiva 96/67

69. Skont id-Direttiva 96/67, l-aċċess tal-forniturі ta' servizzi ta' groundhandling għas-suq sabiex jiġu pprovduti servizzi lil terzi fl-ajruporti huwa ħieles (Artikolu 6). Madankollu, skont il-premessi tagħha [26], din id-direttiva tippermetti, f'ċirkustanzi partikolari, li l-Istati Membri jnaqqsu n-numru ta' forniturі ta' servizzi ta' groundhandling awtorizzati (Artikolu 6(2) flimkien mal-Artikolu 9). F'dawn iċ-ċirkustanzi, għandha tinfetaħ proċedura ta' għażla għall-operaturi, f'kompetizzjoni, irregolata mid-Direttiva nnifisha (Artikolu 11).

70. Fi kwalunkwe wieħed miż-żewġ xenarji (aċċess mhux ristrett jew aċċess selettiv) [27], il-forniturі awtorizzati għandhom igawdu, loġikament, aċċess għall-faċilitajiet tal-ajruport mogħti lilhom mill-korp li jmexxi l-ajruport. Ukoll, skont l-Artikolu 16(2) tad-Direttiva 96/67, id-distribuzzjoni tal-ispazji disponibbli tal-ajruport għall-groundhandling bejn id-diversi forniturі għandha ssir "sal-limitu meħtieġ għat-twettiq tad-drittijiet tagħhom u li jippermetti kompetizzjoni effettiva u ġusta, fuq il-bażi tar-regoli u kriterji rilevanti, oġġettivi, trasparenti u mhux diskriminatorji".

71. Id-dispożizzjoni tirrikjedi, għalhekk, li l-korp li jmexxi l-ajruport jirrispetta, billi jattribwixxi l-ispazji jew faċilitajiet tal-ajruport, l-hekk imsejħa "regoli u kriterji relevanti, oġġettivi, trasparenti u mhux diskriminatorji", iżda ma timponix li ssir proċedura standardizzata ta' sejħa pubblika għal offerti, simili għal dik li tirregola l-għoti ta' kuntratti koperti bid-Direttiva 2004/17.

72. Il-fatt li d-Direttiva 96/67 ma tobbligax lill-korp li jmexxi l-ajruport biex jiftaħ proċedura ta' sejħa għal offerti sabiex jagħti lill-forniturі l-ispazji tal-ajruport, naturalment, ma jfissirx li din ma tistax issir. Barra minn hekk, is-sejħa għal offerti miftuħa bejn l-operaturi awtorizzati tista' tkun, mingħajr dubju, waħda (mhux bilfors l-unika waħda) minn mekkaniżmi adattati għad-distribuzzjoni, jekk dawn isiru taħt il-linji gwida ta' oġġettività, trasparenza u nondiskriminazzjoni li hemm referenza għalihom fl-Artikolu 16(2) tal-imsemmija Direttiva.

73. Fil-fatt, skont l-informazzjoni fil-kawża u dik ipprovduta fis-seduta, SEA tat lil Beta-Trans il-faċilità tal-ajruport *b'mod permanenti* bħala riżultat ta' sejħa għal offerti li pparteċipat fiha wkoll Malpensa Logistica, taħt sistema ta' kompetizzjoni [28] L-allokazzjoni tal-ħangar temporanju, li huwa l-unika ħaġa inkwistjoni, kienet dovuta, kif diġà ntqal, għall-fatt li l-ħangar mogħti ma kienx ippreparat.

74. Dawn iċ-ċirkustanzi (it-temporanjetà u l-eżistenza minn qabel ta' proċedura ta' kompetizzjoni) jistgħu jkunu fattur rilevanti sabiex jiġi kkunsidrat jekk SEA kkonformatx ruħha mal-Artikolu 16(2) tad-Direttiva 96/67. Peress li din id-dispożizzjoni tagħti setgħa diskrezzjonali wiesgħa lill-korp li jmexxi l-ajruport, fil-limiti msemmija hawn fuq, hija l-qorti nazzjonali li għandha tevalwa dan.

75. Ma għandux jintesa, madankollu li, fost l-għanijiet tad-Direttiva 96/67, hemm dak li tiġi promossa l-preżenza ta' forniturі ġodda ta' servizzi ta' groundhandling u li, bħala kriterju għall-allokazzjoni tal-ispazji disponibbli fl-ajruport, hemm dak li jkun hemm kompetizzjoni "effettiva u ġusta" bejniethom kollha, "inklużi dawk li jidħlu ġodda". Il-kompetizzjoni effettiva teħtieġ, preċiżament, it-tneħħija ta'

26 Il-premessi 11, 14 u 16 jipprovdu għal-limitu tan-numru ta' operaturi għal raġunijiet ta' sigurtà, sigurezza, kapaċità u restrizzjonijiet ta' spazju disponibbli, sakemm ir-restrizzjonijiet ikunu rilevanti, oġġettivi, trasparenti u nondiskriminatorji, filwaqt li f'dan il-każ ikun meħtieġ li l-aġenti jintgħażlu permezz ta' proċedura trasparenti u imparzjali.

27 Skont l-informazzjoni pprovduta minn SEA fis-seduta, l-aċċess tal-forniturі tas-servizzi ta' groundhandling għall-ajruport ta' Milano-Malpensa ma huwiex suġġett għal għażla minn qabel.

28 Ma jidhirx li Malpensa Logistica ser tikkontesta l-għoti.

ostakoli għad-dħul għall-operaturi ġodda. Minn din il-perspettiva, allura, il-prinċipji ta' oġġettività, trasparenza u nondiskriminazzjoni jistgħu jippermettu deċiżjonijiet ta' allokazzjoni ta' spazji li jieħdu inkunsiderazzjoni is-sitwazzjoni tal-forniturі diġà installati u l-pożizzjoni eventwali tagħhom ta' dominanza fil-forniment ta' dawk is-servizzi f'ajruport partikolari [29].

76. Għalhekk, nissuġġerixxi risposta doppja għad-domanda preliminari magħmula mill-qorti *a quo*:

— Minn naħa, għandha tiġi rrikonoxxuta l-kompatibbiltà tal-Artikolu 7 tad-Direttiva 2004/17 mar-regola nazzjonali li ma tipprevedix sejħa pubblika għal offerti minn qabel fil-każijiet kollha ta' għoti, anki temporanju, ta' spazji għal servizzi ta' groundhandling f'ajruport (Artikoli 4 u 11 tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 18/1999).

— Min-naħa l-oħra, għandu jiġi indikat lill-qorti tar-rinviju li l-Artikolu 16(2) tad-Direttiva 96/67 jeħtieġ li l-korp li jmexxi l-ajruport iqassam l-ispazji disponibbli fit-termini li ġew analizzati qabel.

VI. Konklużjoni

77. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi għad-domanda preliminari magħmula mit-Tribunale Amministrativo Regionale per la Lombardia (qorti amministrattiva reġjonali tal-Lombardia, l-Italja) kif ġej:

"1) L-Artikolu 7 tad-Direttiva 2004/17/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-31 ta' Marzu 2004, li tikkoordina l-proċeduri ta' akkwisti [għoti ta' kuntratti] ta' entitajiet li joperaw fis-setturi tas-servizzi tal-ilma, l-enerġija, t-trasport u postali, għandu jiġi interpretat fis sens li ma jipprekludix leġiżlazzjoni nazzjonali, bħal dik imsemmija fl-Artikoli 4 u 11 tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 18/1999, li ma tipprevedix proċedura minn qabel ta' sejħa pubblika għal offerti għal kull għoti, inkluż temporanju, ta' spazji intiżi għal servizzi ta' groundhandling fl-ajruport.

2) L-għoti għandu jsir f'konformità mal-Artikolu 16(2), tad-Direttiva 96/67/KE, tal-15 ta' Ottubru 1996, dwar l-aċċess għas-suq tal-groundhandling fl-ajruporti tal-Komunità, sabiex dawk l-ispazji jkunu mqassma fost id-diversi forniturі ta' servizzi ta' groundhandling, inklużi dawk li jkunu ġodda, sa fejn ikun meħtieġ għat-twettiq tad-drittijiet tagħhom u sabiex tkun permessa kompetizzjoni effettiva u ġusta, skont ir-regoli u l-kriterji rilevanti, oġġettivi, trasparenti u mhux diskriminatorji, li għandu jiġi evalwat mill-qorti nazzjonali".

29 Skont id-digriet tar-rinviju (paragrafu 3), SEA u Beta-Trans argumentaw li Malpensa Logistica diġà kienet tgawdi minn 18 000 metru kwadru ta' żoni għall-ħżin, kif ukoll 2 700 metru kwadru ieħor ta' spazju kopert, u li l-korp li jmexxi l-ajruport, sabiex jissodisfa t-talbiet ta' Malpensa Logistica, kien ordnat il-kostruzzjoni ta' spazju kopert addizzjonali ta' 3 327 metru kwadru għad-depożitu tat-tagħbija b'"kenn mit-temp".